# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 2330/97 GC**

**Is-socjeta kummercjali International Timber Products Limited**

**vs**

**Charles Borg u Joseph Borg**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici fil-konfront tal-konvenuti fis-somma ta' elf, seba' mija u disgha u sebghin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm1779.73) rapprezentanti prezz ta' xoghol tal-injam mixtri mill-konvenuti minghand is-socjeta' attrici u dan oltre l-imghaxijiet li akkumulaw skond il-ligi fuq dan il-kreditu. Dan skond ma jidher mill-istatement dokument "B";

Illi l-istess xoghol gie esegwit u sar fuq ordni tal-konvenut Joseph Borg li allega li kien qieghed jagixxi fuq inkarigu tal-konvenut Charles Borg. Effettivament il-materjali ordnat gie kkonsenjat lill-konvenut Charles Borg;

Illi minkejja diversi promessi ta' hlas il-konvenuti naqsu li jhallsu dan id-debitu u issa kull wiehed mill-konvenuti qieghed jipprova jiskarika r-responsabbilita' ghall-hlas fuq il-konvenut l-iehor;

Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'iqanqlu u ghalhekk din il-Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza fit-termini tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh;

Is-socjeta attrici ghalhekk talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Previa d-dikjarazzjoni li l-konvenuti, jew min minnhom, huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma fuq imsemmija, tkkundannahom, jew min minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u disgha u sebghin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,779.73) dovuti kif fuq spjegat;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu ukoll l-imghaxijiet kollha mid-data tal-konsenji rispettivi sad-data tal-hlas effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f'Lulju 1997;

Il-konvenuti gew ukoll imharrka ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Borg fejn gie eccepit :-

1. Illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici peress illi mhux minnu li xtara l-materjal tal-injam minghandu jew inkariga lil haddiehor jaghmel dan ghan-nom tieghu u li dan gie kkonsenjat ghandu. Illi ghalhekk l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut mill-konvenut;

2. Subordinament u minghajr pregudizzju l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Charles Borg debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Borg fejn gie eccepit :-

1. Illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici peress illi mhux minnu li xtara l-materjal tal-injam minghandu jew gie mqabbad jaghmel dan minn haddiehor. Illi ghalhekk l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut mill-konvenut;

2. Subordinament u minghajr pregudizzju l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Borg debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kolha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-atturi, lill-konvenut Joseph Borg u lix-xhud prodott mill-konvenuti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2001;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta' attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elf, seba' mija u disgha u sebghin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm1779.73) rapprezentanti l-prezz ta' xoghol tal-injam mixtri mill-konvenuti. Il-konvenuti pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet separata pero' huma jeccepixxu prattikament l-istess haga. Fl-ewwel lok huma jeccepixxu li l-ebda wiehed minnhom personalment ma ghandu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Fit-tieni lok qed jeccepixxu li fi kwalunkwe kaz din l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta;

Ma jidhirx li hemm kwestjoni dwar l-ammont li qed titlob is-socjeta attrici. Fil-fatt il-konvenut Joseph Borg jammetti li x-xoghol kollu tal-injam, li hu in kwestjoni f'din il-kawza, gie effettivament konsenjat mis-socjeta attrici. Il-konvenuti jippretendu li dan ix-xoghol ma giex ordnat minnhom personalment izda gie in effett ordnat minnhom ghan-nom ta' socjeta kummercjali li taghha huma azzjonisti;

L-imsemmi konvenut Joseph Borg ikkonferma li fil-1988 hu u huh, il-konvenut l-iehor Charles Borg, kienu bdew negozju ta’ ghamara. L-istess konvenut qal li fil-1990, dejjem ma huh u terza persuna, ifforma socjeta kummercjali u jidher li n-negozju li kien gestit miz-zewg konvenuti personalment, beda jigi gestit min din is-socjeta. Dan il-fatt jirrizulta konfermat minn dak li qal il-"book-keeper" tal-konvenuti, li qal li kien hemm xoghol li kien gie ordnat mill-konvenuti liema xoghol pero sussegwentement inhadem mill-kumpanija tal-konvenuti. Dan hu ukoll konfermat mill-istatement a fol.37. Difatti jidher minn dan id-dokument li l-materjal in kwestjoni gie konsenjat fil-maggior parti tieghu sa Novembru 1992;

L-istess konvenut Joseph Borg jghid li hu kien informa lis-salesman tas-socjeta attrici li huma, cioe l-knvenuti, kienu waqfu socjeta kummercjali u qal li ghalhekk huma bdew jircievu l-invoices f'isem din is-socjeta. Dan pero ma giex konfermat mis-salesman tas-socjeta attrici, liema salesman jidher li kien jittratta mal-konvenuti f'isem is-socjeta attrici. Dan is-salesman in effett ikkonferma li l-ordnijiet in kwestjoni f'din il-kawza saru ghan-nom tal-konvenuti personalment u ma sarux ghan-nom ta' xi socjeta kummercjali. Huwa jghid li kien sussegwentement, u cioe wara li saru dawn l-ordinijiet, li l-konvenuti bdew jinnegozjaw tramite socjeta kummercjali. L-istess salesman ikkonferma li s-socjeta attrici qatt ma accettat li dawn il-kontijiet jigu trasferiti minn fuq isem il-konvenuti personalment ghall fuq l-isem tas-socjeta kummercjali tal-konvenuti;

In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li dak li qed jippretendu l-konvenuti, u cioe' li l-ordnijiet in kwestjoni saru ghan-nom ta' socjeta kummercjali, jirrizulta pruvat. In effett il-konvenut Joseph Borg ammetta li d-"delivery notes" relattivi ma kienux mahruga f'isem din il-kumpanija izda kienu f'ismu personalment u jammetti ukoll li huwa kien jiffirmhom dawn id-"delivery notes". Jammetti, inoltre, li l-invoices relattivi ukoll kienu hargu f'ismu personalment;

In vista ta' dan kollu jirrizulta li l-ordnijiet in kwestjoni saru f'isem iz-zewg konvenuti personalment;

Jibqa li tigi deciza t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti cioe dik dwar il-preskrizzjoni. F'dan ir-rigward il-konvenuti jeccepixxu li din l-azzjoni tas-socjeta attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu li gej minn operazzjonijiet kummercjali jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames (5) snin. Jirrizulta minn statements prodotti mis-socjeta attrici li l-konsenji tax-xoghol tal-injam in kwestjoni saru bejn il-1991 u l-1994 u jidher li fil-frattemp sar pagament akkont u inoltre kien hemm pagament iehor fil-1995. Din il-kawza giet presentata fil-1997 u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi zgur li ma jistax jinghad li ghaddha inutilment t-terminu rikjest fl-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 16. Ghalhekk din l-eccezzjoni zgur li ma tistax tigi akkolta;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti ghandhom jigu michuda filwaqt li stante li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati l-istess talbiet ghandhom jigi akkolti u dana fil-konfront taz-zewg konvenuti "in solidum" bejnithom;

Ghal dawn il-motivi:

Tideciedi billi bl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti "in solidum" bejnithom li jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, seba' mija u disgha u sebghin liri maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,779.73) bilanc ta' somma akbar prezz ta' xoghol ta' injam ordnat mill-konvenuti u lilhom mibjugh u kkonsenjat u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-dati tal-varji konsenji sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.